TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 222/11

**Mary Theuma**
**vs**
**M.E.T. Road Assistance**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz ta' *towing* illi r-rikorrenti kellha tħallas sabiex tiġi ittowjata l-vettura, minkejja li kienet irreġistrata bħala membru mad-ditta intimata.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija reġistrata bħala membru mad-ditta intimata u tħallas il-*membership fee*. Illi kellha problema fil-karozza u ġie *car electrician* fejn qalilha li kellha l-ECU bil-ħsara u fil-fatt l-ECU ġie maqlugħ. Illi kellha bżonn li l-karozza tiġi ittowjata għand tal-Hyundai u peress li l-ECU kien maqlugħ, ma ridux jagħtuha t-*towing* b'xejn, għax qalet li dawn ma kinux skond il-kundizzjonijiet illi tiġi ittowjata meta tkun bil-ħsara fit-triq.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi jekk il-karozza tkun bla parts, din ma tiġix ittowjata u fil-fatt qegħda fuq il-*website*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonsidra illi l-vettura kellha l-ħsara u jista' jkun illi ma kienx mill-ECU, pero' dan ma ġiex stabbilit, u l-kundizzjonijiet għandhom jingħataw lir-rikorrenti jew lill-klijent sabiex jassigura li jkun jaf x'inhuma l-kundizzjonijiet, u mhux jiċċekja mill-*website*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888